# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2025**

**Numru: 216**

**Rikors numru: 299/2021/1 FDP**

**Joseph Cini**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Direttur tal-Ħabs**

**Avukat Ġenerali, u**

**Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali**

1. Dan l-appell jitratta ilment dwar ksur ta' drittijiet fundamentali hekk kif protetti bl-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni, u l-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni, wara li numru ta' appelli intavolati mill-appellanti ġew dikjarati deżerti, u l-appellant safa arrestat u sussegwentement detenut il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. B'sentenza mogħtija nhar is-7 ta' Novembru 2024, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), filwaqt illi laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tad-

Direttur tal-Ħabs u ddikjarat illi l-istess Direttur tal-Ħabs mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'din il-vertenza, u anke laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat Direttur Qrati u Tribunali Kriminali, Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Ġenerali, ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors promotur bl-ispejjes kollha a karigu tal-istess rikorrenti.

**Preliminari:**

**A. Fatti:**

2. L-attur kien intavola diversi appelli quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fosthom l-appelli numru 4/2010, 322/2012 u 5/2015, liema appelli kienu ġew dikjarati deżerti mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Lulju 2017.

3. L-appell numru 193/2016, minkejja indikat mill-appellant bħala wieħed mill-appelli illi kien ġie dikjarat deżert fir-rikors promotur minnu intavolat, irriżulta illi dan ma kienx iddikjarat deżert iżda kien qiegħed imħolli għas-sentenza.

4. L-appell enumerat 05/2015, kuntrarjament għal dak dikjarat mill-appellant, kien appuntat għas-smigħ għat-22 ta' Frar tas-sena 2016 u mhux f'Mejju tas-sena 2017 u fil-fatt fis-seduta tat-22 ta' Frar tas-sena

2016, meta ssejjaħ l-appell, ir-rikorrenti kien preżenti fl-awla, saru sottomissjonijiet u l-appell ġie differit għas-sentenza għall-5 ta' Mejju tas-sena 2016.

5. Sussegwentement jidher illi fil-5 ta' Settembru tas-sena 2017, l-appellant kien mar jiffirma ġewwa l-Għassa tal-Imsida kif kien normalment jagħmel fuq ordni tal-Qorti, u nżamm arrestat. Jirriżulta, *di fatti*, illi r-raġuni għal tali arrest kienet minħabba l-fatt illi l-appelli kienu marru deżerti u allura huwa kellu jiskonta s-sentenzi mogħtija mill-Ewwel Qorti.

6. Jirriżulta illi l-appelli surriferiti kienu ġew dikjarati deżerti mill-Qorti tal-Appell Kriminali *stante* illi l-attur kien naqas milli jidher għas-seduta u għaldaqstant bl-applikazzjoni tal-Artikolu 422 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-appelli marru deżerti. Jidher illi fl-atti kriminali kien hemm riferta pożittiva, u għalhekk il-Qorti tal-Appell Kriminali applikat id-dettami tal-Artikolu 422 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Jirriżulta illi t-taħrika kienet intbagħtet fir-residenza ta' omm ir-rikorrent ġewwa l-Pietà u mhux fl-indirizz fejn kien jirresjedi l-appellant, ġewwa l-Imsida. Għalhekk l-attur allega illi huwa ma kienx debitament notifikat bil-konsegwenza illi huwa naqas milli jattendi quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

8. Jirriżulta illi l-attur għadu sal-lum arrestat ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, jiskonta l-varji sentenzi illi huwa għandu.

9. Jirriżulta illi susssegwenti għad-dikjarazzjoni ta' deżerzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali, l-avukat li kien qiegħed jippatroċina lir-rikorrent kien intavola rikors sabiex il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digrieti tagħha u terġa' tirriappunta l-appelli, liema rikors kien ġie miċħud mill-Qorti tal-Appell Kriminali *stante* illi kien ġie intavolat *fuori termine.*

**B. Proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):**

10. Permezz tar-rikors datat 4 ta' Mejju 2021 ir-rikorrent talab lill-Ewwel Qorti tordna l-ħelsien tiegħu, filwaqt illi tiddikjara li l-intimati jew min minnhom, wettqu ksur tad-drittijiet fundamentali ta' smigħ xieraq a bażi tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u ksur tad-drittijiet fundamentali ta' ċaħda mil-liberta personali tiegħu a bażi tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni liema ksur ta lok għad-detenzjoni illegali tal-esponenti fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Talab ukoll illi jiġi ffissat kumpens xieraq għal tali vjolazzjonijiet kif ukoll kumpens għal danni morali, filwaqt illi tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu l-kumpens hekk likwidat *oltre* l-imgħax.

11. Permezz ta' risposta datata 19 ta' Mejju 2021, id-Direttur Qrati u Tribunali Kriminali, *inter alia* issottolinea diversi ineżattezzi indikati u kkonfermati mill-attur bil-ġurament tal-istess. Sostna wkoll illi ladarba r-rikorrenti kien debitament notifikat u kien huwa stess illi naqas milli jattendi l-Qorti, huwa ma jistax jinvoka l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi jilmenta illi huwa ma ngħatax smigħ xieraq.

12. Il-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Ġenerali u d-Direttur tal-Ħabs permezz ta' risposta konġunta datata 19 ta' Mejju 2021, affermaw illi l-lanjanzi huma infondati. Fl-ewwel lok eċċepew illi d-Direttur tal-Ħabs intimat mhuwiex il-leġittimu kuntradittur ta` din il-vertenza. Fil-mertu affermaw illi r-rikorrent m'għandu l-ebda dritt jinvoka ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq meta kien huwa stess illi kien ħati ta' nuqqas gravi fil-konfront tal-Qorti inkwantu bla ġustifikazzjoni falla milli jattendi s-seduta tal-appell tiegħu. Fir-rigward l-ilmenti tal-appellant marbuta mal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni, l-intimati sostnew illi dak li sar fil-konfront tar-rikorrenti huwa skont il-liġi u m'hemmx l-elementi sabiex din il-Qorti ssib li seħħet jew li ser iseħħ vjolazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.

13. B'sentenza datata 7 ta' Novembru 2024, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-vertenza billi laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur tal-Ħabs u ddikjarat

illi d-Direttur tal-Ħabs m'huwiex il-leġittimu kontradittur f'din il-vertenza. Ulterjorment, l-Ewwel Qorti laqgħet ukoll l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat id-Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, Kummissarju tal-Pulizija, u l-Avukat Ġenerali, filwaqt illi ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur. L-Ewwel Qorti ordnat illi l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni jkunu kollha a karigu tar-rikorrent.

**Ċ. L-Appell:**

14. L-appellant ħassu aggravat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u intavola appell nhar it-28 ta' Novembru 2024 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza tas- 7 ta' Novembru 2024 billi tiċħad l-eċċezzjonijiet eċċepiti mill-intimati u takkolji t-talbiet kollha tiegħu. Sostna illi konsegwenza tal-fatti miġjuba huwa sofra minn leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu partikolarment dawk protetti bl-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni. Jafferma illi joħroġ ċar illi ġaladarba huwa ġie miżmum b'mod illegali ġewwa l-Faċilità Korettiva ta' Kordin, bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, l-appellant għandu dritt għall-rimedju pekunjarju mill-Qrati anke *a tenur* tal-Artikolu 5(5) tal-Konvenzjoni stess.

15. Permezz ta' risposta datata 3 ta' Marzu 2025, il-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Ġenerali u d-Direttur tal-Ħabs b'mod preliminari eċċepew in-nullità tar-rikors tal-appell, peress illi dan ġie intavolat *fuori*

*termine*. Isostnu illi l-liġi applikabbli hija l-Liġi Sussidjarja 12.09, fejn fir-regolament 4(2) tistabbilixxi li t-terminu tal-appelll, huwa ta’ għoxrin (20) ġurnata mid-data tas-sentenza appellata. Jispjegaw illi s-sentenza mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ingħatat fis-7 ta’ Novembru 2024 u għalhekk il-partijiet kellhom sas-27 ta’ Novembru 2024 biex jappellaw minn tali sentenza. Ir-rikors tal-appell ġie intavolat però fit-28 ta’ Novembru 2024. Għaldaqstant, isostnu illi l-appell għandu jiġi dikjarat irritu u null. Mingħajr preġudizzju u fil-mertu, jargumentaw illi m’hemmx l-elementi sabiex din il-Qorti ssib illi seħħet jew li ser iseħħ vjolazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, u għalhekk l-aggravju tal-appellant għandu jiġi miċħud.

16. Din il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina din l-eċċezzjoni tan-nullità tal-appell.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

*L-Eċċezzjoni tan-Nullità tal-Appell*

17. Minn eżami akkurat tal-atti jirriżulta illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti ngħatat nhar is-7 ta’ Novembru 2024, filwaqt illi l-appellant intavola r-rikors tal-appell odjern nhar it-28 ta’ Novembru 2024. Fil-kaz odjern hija applikabbli kif korrettement rilevat mill-appellati, il-Liġi Sussidjarja 12.09 u ċjoè r-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni, partikolarment dak indikat fir-regolament 4(2) li jipprovdi kif segwenti:

> *"(2) Ir-rikors ta' l-appell għandu jsir fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tad-deċiżjoni appellata, u l-appellat jista' jippreżenta risposta bil-miktub fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mid-data tan-notifika. Iżda meta l-appell isir minn deċiżjoni mogħtija wara referenza magħmula skond l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew l-artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, dan l-appell għandu jsir fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni appellata."*

18. Huwa pależi għalhekk illi l-appell kellu jiġi intavolat *entro* s-27 ta' Novembru 2024. Jidher għalhekk illi l-appell intavolat mill-appellant sar *fuori termine.*

19. Ġie ripetutament affermat illi:

> ***"... it-terminu għal preżentata tar-rikors tal-appell huwa wieħed legali u għalhekk ta' ordni pubbliku. B'hekk m'huwiex possibbli li dan ir-rikors jiġi sannat, u l-preżentata fuori termine tiegħu tagħmlu null għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi.*** [1]

20. Għal dawn il-motivi l-Qorti sejra tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullità tal-appell u sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-appellati u tiddikjara illi l-appell huwa null u għaldaqstant tastjeni milli tieħu

---

[1] *Vide inter alia* s-sentenza fl-ismijiet: **L-Avukat Cedric Mifsud noe vs Awtorita tat-Transport f'Malta** Rik.Nru.:19/2019/1 deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Jannar 2022.

konjizzjoni ulterjuri tiegħu. Tordna illi l-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri għandhom ikunu a karigu tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss